tagħha filwaqt li naraw lil Briffa jagħmel progress sew fit-tħaddim tal-vers, li kull ma jmur idoqq aktar melodjuż, kif ukoll fil-għażla tal-metru, hekk li bosta drabi jirnexxielu joħloq armonija l-aktar sħiħa u li tpaxxi lill-widna. F'dan il-kamp, infatti, R.B. baqa' dejjem jagħmel esperimenti ġodda sakemm iffissa ċerti metri li kienu milqugħa mill-poeti ta' warajh.

Ma nistgħux ma ninnotawx fl-aħħarnet li fi B. hemm vina romantika mħallta ma' l-element reliġjuż ; anzi, nistgħu ngħidu li kien hu li, wara l-poeżija klassika ta' Dun Karm, Patri Cuschieri u Ninu Cremona daħħal din ix-xejra fil-poeżija Maltija li iffruttat fil-poeżija romantika ta' Ġorġ Pisani.

Minbarra dan kollu hemm xi ħaġ'oħra li tiġbed il-P. lejn il-qarrejja. L-idejiet tiegħu huma sempliċi u hu jressaqhom quddiemna b'mod li jifhimhom u jħosshom kulħadd ; imbagħad, barra li huma mfissrin f'versi li jdoqqu għall-widna, huma msawrin minn kliem korrenti, jiġifieri użati mill-kotra kbira tan-nies u rari tibqa' fid-dubju dwar it-tifsira ta' xi kelma. Dawn huma preġji kbar li jissoktaw jiġbdu l-qarrej lejn is-sabiħ u jkabbru l-apprezzament tiegħu għax-xogħol ta' dan il-POETA tal-ĠMIEL.

---

## DAR TAL-GĦAQDA

**Għanda ngħarrfu li d-DAR TAL-GĦAQDA m'għadhiex fi Scots Street, 10b, il-Belt. Billi ċ-ċens tal-bini twella lil xi nies oħra, minn xi xahar 'l hawn, kellna nwarrbu u nsibu xi kmamar oħra, b'riħet it-tħabrik ta' xi membri tal-Kunsill, fosthom, il-President, it-Teżorier u l-Viċi President.**

**Il-lum id-DAR TAL-GĦAQDA hija f'Palazzo Carafa, Old Bakery Street, il-Belt.**

## POEŻIJI

**NIXTIEQU nerġgħu nfakkru lil, kontra qalbna jkollna nwarrbu f'IL-MALTI dawk il- poeżiji twal ta' iżjed minn żewġ paġni barra minn xi waħda jew waħdiet li s'issa laħqet saret il-kompożizzjoni tagħhom.**

---



## XENQAT GĦAL WIED IL-GĦASRI

*Ta'* V.J. GALEA

Meta nkun nirgħa max-xtajtiet imżewqa
taż-Żewwieqa
u ngħarrex għall-qarnit imberraq,
waħam jaqbadni
biex interraq
lejn il-minżel
ta' Wied il-Għasri.

Meta fil-plajja mrammla
tar-Ramla
mill-irmiel moħmija naħrab
għal taħt il-bruk imwerraq,
waħam jaqbadni
biex interraq
lejn il-minżel
ta' Wied il-Għasri.

Meta fuq ix-xtajta mċagħka
ta' Marsalforn
niekol inkun il-ħawħ immerraq,
waħam jaqbadni
biex interraq
lejn il-minżel
ta' Wied il-Għasri.

Ja Wied,
min bi ħlewwitek
ikun iddewwaq
jibqa' jixxewwaq
sa ma jitfejjaq
meta bihom
jerġa' jitrejjaq.